MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

[Nhar it-Tlieta l-1 ta' Novembru 2016]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

Graziella Schembri – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippresjeda l-laqgħa.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qabel il-laqgħa ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 B'referenza għal punt 4.5, il-kunsillier Joseph Galea qal illi hu kien iltaqa mas-sur Martin Else u dan kellu jieħu ħsieb il-permessi biex isiru l-istands, kif ukoll ħa l-approvazzjoni tal-Kunsill fejn dawn kellhom isiru. Qal illi meta s-sur Else kien ġab ritratti tal-istands ma kien hemm l-ebda riklami fuqhom. Qal illi qatt ma kellu permess biex jagħmel stand barra l-O'Hea.

Il-kunsillier Neville Chetcuti ppropona li nibagħtu l-aħħar warning. Dan kien sekondat mill-kunsillier Joseph Galea. Il-Kunsill qabel unaniment

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk huwa ċert illi m'għandu l-ebda permess biex iħalli stand barra l-O'Hea l-Kunsill jista jieħu azzjoni. Rigward l-oħrajn għandna naraw jekk għandux l-permessi.

30.2.2 B'referenza għal punt 4.8 il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi ma jaqbilx illi TM ma jieħdux azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu u s-Sindku kellhom laqgħa ma' TM fejn għaddew dawn l-ilmenti u l-Kunsill kien avżat fl-aħħar laqgħa. Il-kunsillier Wayne Hewitt sema l-proposta li kien imsemmi qabel il-laqgħa ma' TM fejn nibagħtu emajl lil KNPD. Dan kien issekondat mill-kunsillier Ralph Mangion u kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsill.

30.2.3 B'referenza għal punt nru. 6.1 il-kunsilliera Neville Chetcuti u Jeremy Cardona qalu li fil-kuntratt tal-Operations Manager suppost kien hemm miktub il-massimu li dan seta jieħu fix-xahar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ħareġ Expression of Interest u xorta waħda qatt ma ġie ffirmat kuntratt u se joħroġ tender mill-ġdid. Kien spjega dan kollu fil-laqgħa preċedenti. Żied illi mkien ma ra li kien hemm miktub l-ammont ta' sigħat/flus illi seta jieħu l-kuntrattur.

30.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħadem fuq ftit tenders [ref pun 10 tal-Aġenda] iżda se tinbidel il-versjoni tal-Epps u ġie avżat illi aħjar ma joħroġ xejn. Peress illi ma kien hemm l-ebda update fuq l-Epps se jara jekk joħroġhom fil-ġranet illi ġejjin. Qal illi bil-kunsens tal-Kunsill, jixtieq joħroġ tenders b'urġenza fejn il-Kunsill jagħti inqas minn xahar ċans biex wieħed jissottometti tender. Qal illi għandna nagħtu mill-inqas tmien t'ijiem. Il-Kunsill qabel illi nagħtu biżżejjed żmien u fejn hemm bżonn nagħtu inqas minn xahar ċans.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-passat kien hemm adjudication board għat-tenders iżda qal illi aħjar ikun hemm bord għal kull tender fejn ikun hemm, mill-inqas, kunsillier f'kull bord.

30.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi TM ma qablux mal-proposta [ref punt 11]

## 30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

30.3.1 Il-Kunsill irċieva ittra mill-UĦM fejn huma qalu li ma qablux mad-deċiżjoni tal-Kunsill illi l-impjegat Fabian Borg jerġa jaqa lura sa Skala 10 wara li l-Kunsill kien qabel għall-progression tiegħu fil-bidu tas-sena. Qalu wkoll illi ma qablux illi dan għandu jħallas id-differenza li ħa meta tħallas bħala impjegat taħt Skala 7. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega r-raġunijiet għalfejn irċevejna l-ittra. Qal illi ġie mitlub illi jibgħat il-payslips tal-impjegat lid-DLG wara li ma rċevew xejn qabel ma beda fil-kariga, u d-DLG qalu li qatt ma kellu permess biex jitla fl-iskali peress illi l-impjegati tal-Kunsilli huma bejn Skala 10-15 biss. Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi fil-passat l-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv kien qal illi d-DLG ma kienux qablu mal-proposta. Il-kunsillier Wayne Hewitt ikkonferma li qal is-sur Cardona.
Il-Kunsill qabel illi għandna nimxu mall-istruzzjonijiet tad-DLG iżda li xorta se jżommu mad-deċiżjoni inizjali tagħhom illi l-impjegat jitla fl-iskala, dejjem jekk skond il-liġi.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu bagħat il-korrespondenza lid-DLG li għandhom jirċievu avviż legali.

30.3.2 Hopice Bike Ride: Huma talbu No Objection biex ikun hemm bike ride max-Xatt fit-13 ta' Novembru. Is-Sindku ppropona li naċċettaw it-talba. Il-Viċi Sindku ssekondja l-proposta. Il-Kunsill qabel unaniment.

30.3.3 Għaqda Mużikali Mount Carmel: Is-Sindku ppropona li nagħmlu riklam fil-kalendarju tagħhom għall-prezz ta' €50. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta u l-Kunsill qabel unaniment.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

30.4.1 Il-kunsillier Joe Galea staqsa dwar il-possibilita li jkollu għajnuna għall-attivitajiet tal-anzjani fejn għandu bżonn persuna biex tieħu ħsieb l-organizzazzjoni, distribuzzjoni ta' materja, tieħu ħsieb rapporti u suġġerimenti mill-anzjani, iżomm database tal-anzjani eċċ. Hu ppropona li jkun hemm persuna apposta biex tieħu ħsieb dan ix-xogħol. Is-Sindku ssekonda l-proposta. Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi l-Kunsill għandu jħalli f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv biex jara x'hemm bżonn.

## 30.5 Rapporti

30.5.1 Is-Segretarju ħareġ rapport rigward l-ammont ta' permessi li ħareġ il-Kunsill f'2016. Il-Kunsill qabel illi qegħdin isiru wisq xogħolijiet mingħajr permessi. Il-Viċi Sindku ppropona li jkun hemm iżjed sorveljanza minn naħa tal-wardens/Operations Manager. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekonda l-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sar jaf dwar il-problema fejn qegħdin jiġu pulizija għall-permessi fejn għandhom jagħlqu toroq iżda ma jkunux fuq il-post meta l-kuntrattur jagħlaq it-triq. Qal illi hu avża lil-maġġuri tagħhom u tkellem mat-Traffic Police u jekk kuntrattur irid wieħed minn dawn il-pulizija fuq il-post għandhom jagħtu l-PC nos. u għandna nitolbu l-permess tal-maġġur tal-pulizija.

30.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm kuntrattur li jaħdem nhar ta' Ħadd iżda l-Kunsill irċieva lmenti mir-residenti. Permessi m'għandhomx jinħarġu l-Ħdud/bil-lejl.

## 30.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

30.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport bil-lista tar-RESERVED u Un/Loading bays illi hemm fil-lokalita. Qal illi ħafna minnhom huma out-dated. Il-Viċi Sindku ppropona li nagħmlu on-site inspections. Ġie ssekondat mill-kunsillier Wayne Hewitt. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li nitolbu lil dawk kollha li għandhom RESERVED biex jiġu bl-I.D card sal-Kunsill u naraw li għadhom bi bżonn tar-Reserved. Il-Kunsill qabel.

30.6.2 Il-kunsillier Wayne Hewitt ippropona li l-Kunsill jiltaqa' biex jiddiskutu l-problema minħabba dawn il-bays. Ġie ssekondat mis-Sindku. Il-Kunsill se jiltaqa' nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru fil-17.30. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mhix se tkun laqgħa tal-Kunsill u se jibgħat invit wara l-laqgħa.

## 30.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

30.9.1 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa dwar l-pagament dovut lil Gwida. Is-Sindku qal illi kien għar-riklam illi għamilna fil-bidu ta' Settembru.

30.9.2 Il-kunsillier Wayne Hewitt staqsa dwar il-kontijiet dovuti għall-printing tad-dokumenti tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi hemm lease ma Xerox. Is-Segretarju Eżekuttiv se jara l-kuntratt.

30.9.3 Il-Kunsill approva l-PAS.

## 30.10 Mozzjonijiet

30.10.1 Il-Kunsill qabel illi l-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv jieħu 10% Performance Bonus, pro-rata, għax-xogħol illi għamel f'2016.

30.10.2 Il-Kunsill qabel mal-proposta li l-Kunsill jixtri kotba ġodda li għandhom jingħataw bħala rigali għat-tobba/avukati/professjonali li jiġu jagħtu t-'talks' lill-anzjani.

30.10.3 Il-Viċi Sindku talab illi navzaw lil TM li hemm bus stop f'Sliema Road li tindika li buses imorru sal-ajruport meta dawn ma jmorrux hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv se javża lis-sur Andrew Haig ta' TM.

## 30.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għal 22 ta’ Novembru 2016 fil-5.30pm

Konfermati, illum il-Ħamis 22 ta’ Novembru 2016.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv